KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**ID-DISA' (9) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Tnejn u Għoxrin (22)***

***It-Tlieta, 11 ta' Novembru, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 22 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR
ADMINISTRATION OFFICER II – DONNA MALLIA

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**22.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

22.1.1 Tressqu żewġ ittri ta' apoloġiji mill-Vici Sindku Brian Xuereb u l-Kunsilliera Naomi Mizzi li ma setgħux jattendu u talbu li jkunu skużati. Il-Kunsill approva.

**22.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

22.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 20 li nżammet nhar il-Ħamis 16 t' Ottubru 2025.

20.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 20 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

20.2.3 **Mozzjoni Numru 22-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 20
Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo
Il-Minuti Numru 20 ġew approvati unanimament.

22.2.4 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 21 li nżammet nhar it-Tnejn 27 t' Ottubru 2025.

20.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 21 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

20.2.6 **Mozzjoni Numru 22-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 21
Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo
Il-Minuti Numru 21 ġew approvati unanimament.

**20.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 20(09) – Ottubru 2025***

20.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 22(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12181 sa 12237 kif ukoll cheque bin-numri 7275 li jammontaw €38,659.92

20.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

20.3.5 **Mozzjoni 22-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 22(09)

Proponent: Il-Kunsillier Steven axisa

Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli

L-iskeda ta’ pagamenti numru 22(09) ġiet approvata unanimament.

**22.4 <u>Approvazzzjoni tar-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena Jan-Settembru 2025</u>**

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa attenta l-Accountant tal-Kunsill virtwalment.*

22.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm imniżżla fir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena Jannar – Settembru 2025.

22.4.2 Ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena Jannar -Ġunju 2025 tqassam minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri.

22.4.3 L-Accountant tal-Kunsill informa li f’dan il-perjodu il-Kunsill reġa’ irreġistra surplus ta’ Euro 20,099

22.4.4 **Mozzjoni 22-03:** Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena Jannar – Settembru 2025.

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard

Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli

Ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena Jannar – Settembru 2025 ġie approvat unanimament.

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Accountant tal-Kunsill u dan ħareġ mill-Laqgħa*

**22.5 <u>Korrispondenza</u>**

22.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li l-Kunsill qabel li ndaħħlu l-Appell tal-Kamra tan-Nar il-Qorti, din il-ġimgħa saret laqgħa virtwali fejn kienu preżenti iż-żewġ avukati tal-Kunsill u tal-Każini. L-Avukat tal-każini Dr Franco Galea semma żewġ punti li jara li hemm bażi ta’ appell fuqhom. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tgħaddi l-appell lill-Kunsilliera kollha u se tkun qed titlob l-approvazzjoni tagħhom sabiex sa għada l-Appell ikun jista’ jiddaħħal il-Qorti. Dwar dan il-Kunsill qabel.

22.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar kwotazzjoni għall-Vending Machine fejn il-Mini Pitch fi Gnien Emanuele Vassallo. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irid jipprovdi d-dawl filwaqt li jekk se jkun hemm ikel fil-magna, preferibbilment ma tkunx fix-xemx. Il-Kunsill se jkun qiegħed idaħħal 20% tal-bejgħ li jsir mill-magna jekk jiġi ffirmat l-agreement propost. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-agreement.

22.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni mingħand il-GO dwar sistema ta' internet madwar il-Kunsill kollu kif ukoll arranġament fil-wiring tas-sistema tal-komunikazzjoni. Il-kwotazzjoni hija ta' Eur2039.10 excl vat. Il-Kunsill approva.

22.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni għall-PABX mingħand il-GO li tammonta għal Eur1080 exc vat kif ukoll ħlas ta' Eur29.50 fix-xahar. Il-Kunsill approva li din is-sistema hija bżonnjuża.

22.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni rigward is-servizz biex il-Laqgħat tal-Kunsill jiġu on-demand fuq il-website. Il-kwotazzjoni tammonta għal Eur1416. Il-Kunsill approva.

22.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkema ta' Fondi mill-LESA. Is—Segretarju Eżekuttiv issuġerixxiet li b'dawn il-fondi l-Kunsill jista' jkompli l-proġett tat-Turretta. Il-Kunsillier Axisa talab sabiex tinġieb stima ta' dawn l-ispejjeż. Il-Kunsill qabel li din l-iskema għandha tkopri r-restawr ġewwa tat-turretta u għanda ssir laqgħa mal-Perit Busuttil sabiex ikollna BOQ ta' dawn l-ispejjeż. Is-Sindku staqsa jekk nistgħux bħala skema tinqasam fuq żewġ proġetti bħat-Turretta *u Flooring* tal-Bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tista' tiġi sottomessa iktar minn applikazzjoni waħda iżda proġett wieħed se jkun qed jingħażel. Għaldaqstant il-Kunsill approva li l-applikazzjoni ssir għat-Turretta.

22.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill b'sitwazzjoni fi Triq il-Fidloqqom li din kienet inġiebet għall-attenzjoni tal-Kunsill preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm talba sabiex minħabba raġunijiet ta' mobilita' ta' resident u l-użu tal-vann tiegħu qed jitlob lil-Kunsill il-possibilita' li Triq il-Fidloqqom tinbidlilha d-direzzjoni minn kif qeda preżenti. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li jekk dan il-każ huwa ġenwin, il-Kunsill għandu jikkunsidra l-bdil tad-direzzjoni. Għaldaqstant se jkun qed imur fuq il-post nhar is-Sibt li ġej biex jiltaqa' ma-resident u jara tinstabx soluzzjoni.

22.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Pjanta li intbagħtet mill-Perit tal-Maypole dwar traffic management fiż-żona ta' quddiem il-ħanut, fejn hemm indikat li ser titneħħa l-funtana eżistenti u minflok ser jiżdied il-parkeġġ. Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li ma taqbilx li għandu jsir traffic management biex jakkomda stabbiliment għax dan jista' jkun qed joħloq preċedent speċjalment rigward it-tneħħija tal-funtana fl-entratura ta' Ħal Għaxaq. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li l-pjanta intalbet li ssir minħabba parkeġġ abbużiv u biex dan l-inkonvenjent jiġi mnaqqas kemm jista' jkun u b'hekk ġiet imneħħija l-funtana. Is-Sindku qal li bħala funtana ser tiġi allokata fi Ġnien Emanuele Vassallo f'Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsilliera Christine Dalli issuġerixxiet li nitolbu l-applikant sabiex iżid aktar siġar u dawl fiż-żona. Is-Sindku ppropona sabiex isiru *hedges* u *shrubs* u dawn ikunu nklużi fil-pjanta peress li din hija parti mill-entratura. Il-

Kunsillier Stephen Attard qal li ser ikellem lil Maypole ħabba pjanta ġdida li trid tinkludi dawn l-affarijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li kif din il-pjanta tintbagħat il-Kunsill tiġi mressqa Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

22.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand resident li joqgħod fi Trejqet Santu Kristu fejn qed jitlob li jitneħħa l-parkeġġ fuq naħa waħda tat-triq u li t-triq id-dejqa, li ma tippermettix li jgħaddu żewġ karozzi f'direzzjonijiet opposti, issir no entry (except for residents). Is-Sindku informa li min-naħa ta' Triq tal-Barrani lejn Santu Kristu hemm diġa' tabella T, jew issir l-istess in-naħa l-oħra jew issir No Entry (except for residents). Il-Kunsillier Stephen Attard qal li importanti li ninfurmaw lil-LESA sabiex isir moniteraġġ li dawn it-tabelli qed jiġu osservati. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan ir-resident talab ukoll li jitneħħa l-parkeġġ fuq naħa waħda tat-triq. Is-Sindku nforma li qed ikun hemm abbużi ta' parkeġġ għaldaqstant ippropona li jsir parkeġġ fuq naħa waħda u jsir vertical biex jidħlu iktar. Il-Kunsill qabel unanimament fuq dawn iż-żewġ proposti.

22.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li reġgħet ħarġet l-iSkema tar-Reġjun għal fondi għal tiżjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel li b'dawn il-fondi jkopri l-ħlas lill-każini għat-tiżjin.

22.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill qed jintalab sabiex jagħti isem lit-trejqa li tinsab wara t-Turretta fi Triq Ta' Loretu. Il-Kunsill qabel li din it-trejqa tissemma Triq it-Turretta.

**22.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

22.6.1 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li l-Laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli se ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Novembru fl-10am. Huwa nforma lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal din il-Laqgħa li huma kienu talbu li ssir. Is-Sindku nforma li ser jikkonferma l-laqgħa mal-Ministru Dalli.

22.6.2 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar applikazzjoni li ħarġet bin-Numru PA/07103/25 fejn qed jintalab estensjoni tal-bini tal-Enemed National Distribution Centre fi Triq Ħas-Saptan. Is-Sindku qal li se terġa tittieħed parti kbira minn żona mimlija siġar u għaldaqstant iridu naraw il-pożizzjoni tal-Kunsill għal din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li se ssir laqgħa nhar l-1 ta' Diċembru 2025 fl-10am biex niddiskutu fid-dettal din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Stephen Attard ppropona jintalab kumpens lill-Enemed sabiex il-proġett ta' Santu Rokku jiġi kopert min-naħa tagħhom sabiex jingħata xi ħaġa lura lir-residenti Għaxqin u wkoll jinżeraw xi siġar madwar il-lokal. Il-Kunsillier Axisa nforma li ser jipprova jattendi għal din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-BOQ ta' Santu Rokku kienet tavviċċina l-ammont ta' nofs miljun Ewro. Il-Kunsilliera Dalli qalet li importanti li nisħqu magħhom fir-rigward ta' ambjent u ningħataw kumpens għas-siġar li ser jitneħħew minħabba din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Axisa ppropona li din il-materja tissemma' wkoll mal-laqgħa li ser ssir mal-Ministru Miriam Dalli. Il-Kunsill approva li bħala

kumpens għandhu jintalab sabiex jiġi ffinanzjat il-Proġett ta' Santu Rokku u anke jiffinanzja numru sew ta' siġar ġodda mal-lokal.

22.6.3 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li hemm Skema sabiex ħaddiema minn Tourism Zones Regeneration Agency jkunu jistgħu jassistu l-Kunsill f'xi xogħlijiet ta' manutenzjoni. Dawn jassistu fuq xogħolijiet relatati ma' żebgħa u restawr. F'każ li jkun hemm bżonn nistgħu nitolbu l-assistenza ta din l-Agenzija.

22.6.4 Is-Sindku Karl Boxall informa rigward problema ta' parkeġġ fi Triq ta' Loretu Sqaq Nru.5, fejn intalab minn resident li t-triq kollha ssir *double yellow line*. Huwa qal li mhux vijabbli li dan isir u jitnaqqas il-parkeġġ kollu. Il-Kunsill qabel unanimament li jibqa' kollox kif inhu.

22.6.5 Is-Sindku Karl Boxall informa li kull meta l-Kunsill Lokali jtella' attivitajiet jinkera stage mingħand Festivals Malta. Ġejna avviċinati minn l-Għaqda Mużikali Santa Marija fejn infurmawna li għandhom palk li jridu jneħħuh u se jkunu qed jgħaddulna l-istima ta' dan l-istage. Is-Sindku nforma li kif jingħata dan il-prezz ser jinfurma lill-Kunsilliera sabiex jinxtara jekk il-prezz ta' dan l-istage ikun wieħed raġonevoli. Il-Kunsill qabel.

22.6.6 Is-Sindku Karl Boxall informa li dan l-aħħar ġie assenjat ħaddiem ġdid mill-CWSE is-Sur Caryln Ellul li ser jibda jkun parti mit-tim ta' ħaddiema li diġa' għandna mal-Kunsill Lokali.

22.6.7 Is-Sindku Karl Boxall informa li ħaddiema mill-Public Works ser ikun qed jirranġaw il-Bus Shelter ta' Bir id-Deheb.

## 22.7 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>

22.7.1 Il-Kunsillier Stephen Attard informa li kellu lment minn resident fi Triq tal-Millieri ħdejn il-Monument tal-Annimali eżatt fejn hemm il-ħruġ għal Dawret Ħal Għaxaq biex tinżel għan-naħa taż-Żejtun qed ikun perikoluż. Issuġġerixxa li min ikun ħiereġ minn Triq tal-Millieri jsiru *poles* li ma jkunux jistgħu jduru lejn iż-Żejtun u minflok jidħlu għal ġo Triq it-Tgeżwira peress li l-istess direzzjoni l-isfel tat-traffiku. Il-Kunsillier Jesmond Manicolo qal li sitwazzjoni simili hemm meta minn Triq il-Pitirross trid iddur għaż-Żejtun. Il-Kunsillier Attard talab sabiex fil-ħruġ għal Dawret Ħal Għaxaq direzzjoni lejn iż-Żejtun kemm ta' Triq tal-Millieri u ta' Triq il-Pitirross isiru *poles*. Is-Sindku Karl Boxall ippropona li jsiru tabelli biex ma jdurux lejn Dawret Ħal Għaxaq l-isfel imma jmorru lejn il-Gudja fil-ħruġ li hemm fi Triq tal-Millieri u fejn hemm il-ħruġ fi Triq il-Pitirross jistgħu jsiru poles mal-ewwel. Il-Kunsill qabel unanimament.

22.7.2 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa dwar fhiex wasal il-proġett ta' Ġnien 2000, Is-Sindku Karl Boxall informa li rċevejna l-approvazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit Lewis daħħal DNO għal *Clearance*.

22.7.3 Il-Kunsillier Stephen Attard ippropona li Triq il-Barbazzal issir dħul biss *one way* minn naħa ta' Dawret Ħal Għaxaq u l-ħruġ minn Triq Santa Tereża għax qed ikun hemm ħafna traffiku f'dik iż-żona. Is-Sindku Karl Boxall informa li dik it-triq tintuża mit-trakkijiet tad-deliveries ta' St.Joseph Ironmongery fejn biex dawn jgħaddu minn Triq Santa Marija mhux ser ikun possibbli peress li triq hi dejqa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed ikun hemm ħafna traffiku pero' irid ikun hemm ħsieb dwar kif tkun l-aħjar soluzzjoni sabiex dan il-problema tiġi ndirizzata bl-aħjar mod. Is-Sindku Karl Boxall kien ippropona sabiex isir roundabout fejn hemm id-dħul għal Triq il-Barbazzal. Il-Kunsillier Attard issuġġerixxa li wara l-Monument tal-Kunsill Lokali isir lembut bil-bollards. Is-Sindku Karl Boxall ippropona li ssir roundabout, il-Kunsillier Attard u l-Kunsilliera Dalli ipproponew li jsir maqrut wara l-Monument tal-Kunsill ukoll. Il-Kunsill qabel li dawn il-proposti għandhom jiġu diskussi u studjati aktar fil-fond sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent kbir.

22.7.4 Il-Kunsillier Stephen Attard informa li meta jkunu qed iduru t-trakkijet minn Triq Manwel Dimech għas-*service road* ta' Dawret Ħal Għaxaq qed jitilgħu fuq il-bankina. Il-Kunsillier Attard qed jissuġġerixxi jekk jistgħux jiġu nstallati bollards sabiex jiġi evitat li dawn jitilgħu fuq il-bankina. Il-Kunsill approva li jsiru pjanti sabiex dan l-abbuż jiġi mnaqqas.

**22.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

22.8.1 Annessi mal-Minuti

**22.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

22.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Dicembru 2025 fil-5:30p.m.

Il-Minuti ġew preparati mis-Sra Donna Mallia u ikkonfermati mis-Segretarju Eżekuttiv

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 22**

**Mozzjoni Ref:** 22-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 20

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard** | **Jesmond Manicolo** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 11 ta’ Novembru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 22**

**Mozzjoni Ref:** 22-02

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 21

**Stephen Attard**
**Proponent**

**Jesmond Manicolo**
**Sekondant**

**Data:** 11 ta' Novembru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 22**

**Mozzjoni Ref:** 22-03

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 22

| | |
|---|---|
| **Steven Axisa** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 11 ta' Novembru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 22**

**Mozzjoni Ref:** 22-04

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena Jannar – Settembru 2025

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 11 ta' Novembru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**